**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Marzu 2022**

**<u>Rikors nru: 251/2020 u 2/2021 AGV;</u>**

**Cb**

**vs**

**FB**

**U**

**FB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti rat ir-rikors** ta’ CB datat 25 ta’ Gunju 2021 fejn espona bir-rispett:

1) Illi l-kontedenti zzewgu nhar is-30 ta’ Gunju 2012 minghajr kitba taz-zwieg u ghalhekk permezz ta-zwieg taghhom il-komunjoni tal-akkwisti giet stabbilita bejn il-partijiiet bhala ir-regim matrimonjali li tirregola il-propjeta’ taghhom;

2) Illi matul iz-zwieg taghhom kellhom tifla wahda cioe, AB, illi twieldet fit-30 April tas-sena 2015 u li ghalhekk illum ghandha sitt snin. Il-manteniment dovut mill-esponent ghal bzonnijiet ta’ bintu dejjem thallas minghajr ebda problema;

3) Illi l-partijiet ilhom jghixu separati ghal ‘l fui minn sena u cioe minn 13 ta’ Gunju 2020 wara illi l-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali;

4) Illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huwa fl-interss taz-zewg partijiet u konsegwentament fl-ahjar interess tat-tifla minuri taghhom ghaliex jitnaqqas l-iskop tad-dizgwid ta’ bejniethom. Minkejja illi llum il-partijiet jghixu hajja indipendenti minn xulxin, kemm finanzjarjament u kif ukoll emozjonalment, il-waqfien tal-komunjoni jgib il-beneficcju li l-partijiet jkunu jistghu jagixxu f’atti civili minghajr il-kunsens ta’ xulxin u kif ukoll – a fortiori in vista tal-indipendenza surriferita – li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista’ talvolta jaghmel;

**5)** Illi ghalhekk il-konvenuta mhux sejra ssofri xi pregudizzu, u certament mhux ser issofri minn xi pregudizzju sproporzjonat f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti;

**6)** Illi ma hemmx raguni 'l ghaliex il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ghandu jibqa' fis-sehh

Ghaldaqstant, l-eponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghobha:

Tordna l-waqfien tal-komugjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-parti u dan a dispozizzjoni tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tordna illi s-sentenza hekk mghotija tigi notifikata kid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan a dispozizzjoni tal-artikolu 55(5) tal-istess Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta;

Tiddikjara illi l-regim matrimonjali applikabbli ben il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni tal-assi.

U dan taht dank il-provedimenti illi dina L-Onorabbli Qorti jogghobha taghti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' FB datata 13 ta' Lulju 2021 fejn esponiet bir-rispett;**

1. Illi l-esponenti giet notifikata bir-rikors ta' rikorrenti datata 25 ta' Gunju 2021 fejn talab lil dil-Onorabbli Qorti joghgoba;
   i. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan a disposizzjoni tal-artikolu 55 tal-kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta.
2. Illi l-esponenti tiddikjara li taqbel ir-regim matrimonjali ta' bejn il-partijiet huwa il-komunjoni tal-akkwisti.
3. Illi qabel xejn tajjeb li jintqal li ma hu vera xejn li l-manteniment dejjem thallas ghall-minuri AB. Meta l-esponenti telqet mid-dar matrimonjali minhabba abbuz domestiku, huwa ghamel xahrejn u nofs ma jhallas l-ebda manteniment. Bl-ghajnuna tal-avukati huwa mbaghad kellu jhallas mizerja ta' mitejn ewro. Wara li sar rikors quddiem il-Qorti tal-Familja, huwa gie obbligat li jhallas is-somma ta' 350 Ewro. Illi ghal dak ix-xahrejn u nofs u d-differenza bejn il- 200 u it-350, ghadu qatt ma hallashom.
4. Illi bla pregudizzju ghal dan l-esponenti tikkontendi ukoll li l-manteniment li qed igi imhallas huwa wiehed mizeru meta imqabbel mad-dhul li ghandu r-rikorrenti.
5. Illi r-rikorrenti qed jirifjuta ukoll li jhallas manteniment ghal esponenti meta htija ma tahdimx u qed tiddependi biss fuq l-ghajnuna li qed tinghata mil-Istat u dik tal-genituri taghha.
6. Ili l-konvenuta lanqas ma abbandunat id-dar matrimonjali izda giet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali minhabba l-abbuz fiziku u u morali li kienet qed tigi soggetta ghalih;
7. Illi r-rikorrenti ghandu l-wicc jissotometti li dar-rikors qed isir fl-interessi taz-zewg partijiet u fl-interessi tal-minuri u dan peress li se jonqos id-dizgwid ta' bejniethom u kif ukoll minhabba li tkun responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista talvolta taghmel;

8. Illi l-artikoli 55 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jistipula li qabel li jigi ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-konjugi, il-Qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati il-pregudizzju mhux propronzjat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.
9. Illi fil-fehma umili tal-esponenti l-waqfien tal-komunjoni, qabel tigi biex tkun deciza dil-kawza hija ta' pregudizzju, kbir ghaliha minhabba s-segwenti ragunijiet.
10. Illi f' dan il-kaz, l-oneru ta' prova ta' dan ir-rekwiziti fuq min qed jallega, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.
11. Illi dil-kawza ghadha fil-bidu taghha u prattikament bhala provi tressqu biss l-istimi fuq id-dar matrimonjali u l-addetti tal-banek min-naha tar-rikorrenti. Ghalhekk zgur mhux forsi, ir-rikorrenti sa issa ma ressaq ebda prova quddiem dil-Qorti sabiex tilqa' it-talbiet tieghu;
12. Illi ghalhekk l-konsistenza tal-komunjoni ta' akkwisiti. Ghadha ghalhekk ma gietx stabbilita u l-esponenti ma tafx bic-certezza x' inhuma l-assi kollha li jappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti;
13. Illi bla pregdizzju ghal dan l-esponenti tikkontendi s-segwenti;
14. Illi l-minuri li ghad ghandha 6 snin qed tghix maghha u mal-genituri taghha. Hija attwalmet dizokkupata u ilha hekk ghal dal-ahhar tmien snin stante li fiz-zwieg kien hemm l-ftehim bejn il-partijiet li l-esponenti tiehu hsieb id-dar u t-trobbija tal-minuri filwaqt li r-rikorrenti jipprovdi finanzarjament u jkollu l-okkazzjoni jiflorixxi fl-istudji tieghu, u fil- hajja tax-xoghol.
15. Illi dan l-istadju tal-proceduri ir-rikorrenti ma tistax lanqas tahdem stante li trid tiehu hsieb it-tifla u lil ommha peress li f' Novembru 2020, ommha sfat imtajjra minn vettura u tinsab inwegga' b' mod gravi;
16. Illi r-rikorrenti lanqas ukoll li jsemmi li parti mil-komunjoni tal-akkwisti hemm vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBV-714, Kia Picanto, liema

vettura baqghet tintuza' mir-rikorrenti nonostante li l-esponenti ghandha il-minuri tghix maghha bil-qadi kollu jgib maghha;

17. Illi apparti dan ir-rikorrenti naqas li jsemmi li hemm zewg faciltajiet ta' self bankarji bin-numru 40018809389 u 40018809334, u li dal-facilitajiet dejjem thallsu mid-dhul tar-rikorrenti, stante li kif diga intqal l-esponenti ma ghandha ebda introjtu;
18. Illi apparti dan hemm ukoll dghajsa li trid tigi mantenuta u ovvjament l-esponenti ma ghandha ebda introjtu sabiex tmantni did-dghajsa;
19. Illi l-istess id-dar matrimonajli li fiha baqa' jghix ir-rikorrenti trid tigi ukoll mizmuma u l-kontijiet jridu jigu imhallsa;
20. Illi ghalhekk jekk il-komunjoni tal-akkwisti ma tibqax vigenti, l-esponenti se kostretta li tipprovdi ghal dawn l-ispejjez meta hija ma ghandha l-ebda introjtu;
21. Illi ghalhekk dar-rikors qieghed jsir mhux minhabba xi dejn li l-partijiet jistghu jaghmlu izda sabiex dak li jaqla' u l-introjtu tar-rikorrenti jibda' jgawdieh huwa biss u jabdika ruhu mir-responsabilta' tal-komunjoni;
22. Illi l-esponenti ma ghamlet l-ebda dejn u kif jista' facilment jigi ppruvat hija ghadha tiddependi fuq l-istess komunjoni tal-assi;
23. Illi ghalhekk il-konvenuta sejra ssoffri pregudizzju kbir u sproporzjoinat jekk din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ghax f' dak l-kaz ma hiex kwistjoni biss l-komunjoni tal-assi tigi preservata izda hija kwistjoni li l-assi tal-istess partijiet ghandhom jigu mantenuti;
24. Illi lanqas jidher li hemm il-hsieb li r-rikorrenti jixtri xi propjeta' f' dal-istadju u ghalhekk hu ser ibati pregdizzju sproporzjonat;

Ghaldaqstant, it-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ta' dil-procedura kontra tieghu.

**IKKUNSIDRAT:**

In tema legali jinghad li l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bazata t-talba tar-rikorrenti, jaghti fakolta` lil parti jew ohra li "f'kull zmien" matul is-smigh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi.

Imbaghad fis-sub-inciz 4 l-istess Artikolu jghid:

> *"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."*

Minn dan jirrizulta li t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "***pregudizzju mhux proporzjonat".*** Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-*principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[1]

Din il-Qorti tosserva li dina d-disposizzjoni tal-ligi m'ghandhiex taghti interpretazzjoni wiesgha tal-frazi "*pregudizzju mhux proporzjonat."* Dak li ried il-legislatur, u allura dak li jghid dan is-sub inciz, huwa li mhux kull pregudizzju ghandu jservi ta' ostakolu sabiex tintlaqa' t-talba skont l-Artikolu 55, izda jehtieg li l-pregudizzju jkun tali li jikkwalifika bhala sproporzjonat. *Quod lex voluit lex*

[1] Rik.Gur. 257/11, Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu, 2014.

*dixit*, u ghalhekk mhux legalment konsentit li l-ligi tigi interpretata jew applikata b'mod li tmur kontra t-termini espressi taghha.

Illi f'dawn il-proceduri, l-intimata qed topponi ghall-waqfien tal-komunjoni, u dan ghal diversi ragunijiet moghtija fir-risposta taghha. In sintesi, hi tghid li bil-waqfien tal-komunjoni, hi sejra tbati pregudizzju billi ser ikollha thallas ghal diversi spejjez ta' manutenzjoni tad-dar matrimonjali u ta' assi ohra tal-komunjoni, meta hi m'ghandha ebda introjtu. Inoltre, hi ghadha ma tafx il-konsistenza tal-istess komunjoni, peress illi dejjem kien ir-rikorrenti li ha hsieb l-assi. L-intimata tilmenta wkoll li hi ma tircevix manteniment ghaliha mir-rikorrenti, u li l-manteniment ghall-minuri mhuwiex sufficjenti.

Din il-Qorti hasbet fit-tul fir-rigward u huwa fid-dover taghha li tevalwa jekk bix-xoljiment tal-komunjoni fil-mori tal-kawza xi parti jew l-ohra hux ser tbati pregudizzju u f'kaz affermattiv jekk tali pregudizzju jikkwalifika bhala "mhux proporzjonat."

Huwa fatt li jekk jigi accettat ix-xoljiment, dan qed jirreferi ghal kull azzjoni futura li jsir mill-partijiet. Effettivament, l-assi diga' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti mhux ser jigu likwidati u assenjati, ghajr meta tinghata s-sentenza ta'separazzjoni finali u konkluzziva.

Huwa f'dan id-dawl, ghalhekk, li l-Qorti ghandha tezamina l-oggezzjoni li giet sollevata mill-intimata ghal din it-talba. L-oggezzjoni hija bbazata fuq il-principju li tali waqfien tista' tohloq pregudizzju mhux proporzjonat lill-istess intimata. Dan hu spjegat fid-dettall minnha fir-risposta taghha. Di fatti, talbiet bhal dawn mhux dejjem jintlaqghu mill-Qorti. Hija d-diskrezzjoni tal-Qorti li

tiddetermina jekk tali talba timmeritax li tigi milqugha jew le. Ghalhekk il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal sentenzi tal-Qorti tal-Appell f'dan ir-rigward.

Hekk, per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet "Asciak Ronald v. Asciak Antonia", deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Dicembru, 2019, dik il-Qorti, fost konsiderazzjonijiet ohra, qalet hekk:

> *"Ghal dak li huma osservazzjonijiet ta' natura guridika din il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni taghmel referenza ghall-principji legali u gurisprudenzjali migbura fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet: App.C* ***Daniela Mizzi v. Duncan Mizzi*** *deciza fit-28 ta' Marzu 2014; App.C* ***Pierre Darmanin v. Louise Darmanin*** *deciza fl-14 ta' Marzu 2019 u App. Civ. 177/15 App.C* ***Dorianne Sammut v. Carmelo Sammut*** *deciza fil-31 ta' Mejju 2019.*
>
> *Fil-mertu din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.*
>
> *Fl-ewwel lok tosserva li, minkejja li l-konvenuta tghid li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ser ikun ta' pregudizzju ghaliha, minhabba li ma tafx ser jigi min-negozju gestit mill-attur, tenut kont li, l-attur ilu zmien twil jghix ma' mara ohra, u wkoll tenut kont li, skond hi, diga` sar tbaghbis u falsifikazzjoni fl-investimenti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti biex parti minnhom gew mibjugha minghajr il-firma taghha, hi ma ressqet ebda prova biex tissostanzja dak minnha allegat. L-oneru tal-prova tal-pregudizzju mhux proporzjonat jirrisjedi fuq minn qed jallegah, f'dan il-kaz, il-konvenuta u ghalhekk hi ghandha l-oneru li tressaq provi in sostenn ta' dak allegat minnha. Fir-rigward, il-konvenuta baqghet mankanti, minkejja li l-kawza ilha ghall-provi tal-konvenuta mid-9 ta' Frar 2017.*
>
> *Fit-tieni lok tosserva li l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat, b'mod li dak li setghu ghamlu z-zewg partijiet*

*qabel id-data li fiha tkun inghatat l-ordni ma jippregudikax is-sehem taghhom mill-istess komunjoni. Il-partijiet ghandhom id-dritt li jibqghu jressqu provi dwar l-assi tal-komunjoni ezistenti sa dik id-data, anke wara li tkun inghatat l-ordni tal-waqfien. Barra minnhekk il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, taht it-Titolu VI intestat* ***"Fuq l-Atti Kawtelatorji"*** *jaghti rimedji legali sabiex il-partijiet jiehdu l-mizuri biex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom vis-à-vis il-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk il-konvenuta dejjem ghandha dawn ir-rimedji kawtelatorji biex tissalvagwardja sehemha mill-assi tal-komunjoni.*

*Fit-tielet lok mill-provi jirrizulta pacifiku li l-konvenuta baqghet tghix fid-dar matrimonjali [villa] bi spejjez imhallsin mill-attur li inoltre jivversalha manteniment mensili ghal ghejxien taghha ta' €1,000 fix-xahar u ghalhekk, minghajr pregudizzju ghad-dritt taghha li titlob awment fil-manteniment jekk ikun opportun, din il-Qorti ma tarax li f'dan l-istadju l-konvenuta ser tbati pregudizzju mhux sproporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni.*

*Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti ma tistax taqbel mal-motivazzjoni tal-ewwel Qorti li abbazi taghhom cahdet it-talba tal-attur fuq il-konsiderazzjonijiet Ii "hemm certi perikoli x'jista' jsir bin-negozju" u ghax "ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti."*

Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Spiteri Elizabeth vs Spiteri Carmelo, deciza fl-24 ta' Ottubru, 2019, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*"Rigward l-ewwel aggravju, din il-Qorti tosserva li, dak sostnut mill-attrici li l-waqfien tal-kommunjoni that l-artikolu 55[1] u allura qabel l-ghoti tas-sentenza finali huwa minnu innfisu pregudizzjevoli ghall-parti tant li hemm dritt awtomatiku ta' appell minghajr il-permess tal-ewwel Qorti, mhuwiex guridikament korrett. Fl-ewwel lok jinghad li l-ewwel*

*Qorti, salv ghal dak li jghid is-subinciz 4, ghandha diskrezzjoni dwar jekk tilqax it-talba jew le li jfisser li, jekk dik il-Qorti tara li xi parti ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat, tista' ma tilqax it-talba. Inoltre, id-dritt ta' appell minghajr il-htiega tal-permess tal-ewwel Qorti, ma jimmilitax kontra l-dak li intqal fuq, ghax dan hu dritt li l-legislatur ried jassikura lil kull parti li thossha milquta sfavorevolment minn dik is-sentenza parzjali minkejja li l-proceduri tas-separazzjoni, li f' certu kazijiet jiehdu tul ta' zmien biex jigu konkjuzi, ikunu ghadhom ghaddejjin. Izda b'daqshekk ma jfissirx li l-waqfien tal-kommunjoni "huwa minnu innifsu pregudizzjevoli" b'mod li f'kull kaz m'ghandux jinghata. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat.*

*Rigward it-tieni aggravju, din il-Qorti tissenjala li s-sentenza appellata tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat u ma taffettwax l-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti sad-data tal-ordni ghall-waqfien. Ghalhekk d-diffikulta' li qed tilmenta minnha l-attrici li b' tali ordni jkun aktar difficli ghaliha li tistabbilixxi l-kontenut tal-kommunjoni tal-akkwisti, hija estranea ghall-proceduri in dizamina. L-attrici dejjem ser tibqa' intitolata ghas-sehem taghha mill-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti qabel l-ordni tal-waqfien u dejjem jibqala' d-dritt li tistabbilixxi il-konsistenza ta' dawk l-assi u tissalvagwarda l-interessi taghha bir-rimedji kawtelatorji disponibbli ghaliha fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju mhuwiex gustifikat.*

*Rigward it-tielet, r-raba u l-hames aggravji, din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-aggravju precedenti, tissenjala li taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti li tqis bhala mhux valida l-konsiderazzjoni li bl-ordni tal-waqfien l-attrici ser tigi imcahhda mis-sehem taghha mill-introjtu tal-konvenut wara l-ghoti tal-ordni minkejja li, skond hi, t-tort tas-separazzjoni huwa attribwibbli lill-konvenut. Il-Qorti tosserva li huwa minnu li fiz-zwieg fejn jezisti r-regim*

*tal-kommunjoni l-partijiet huma socji indaqs, izda huwa minnu wkoll li bis-separazzjoni anke de facto s-sitwazzjoni tal-partijiet tinbidel partikolarment bhal fil-kaz prezenti fejn il-firda de facto tkun ilha zmien tezisti bejn il-partijiet.*

*Inoltre, ma jirrizultax li l-attrici hija nieqsa mill-affarijiet essenzjali ghall-ghejxien taghha f' liema kaz hija dejjem ghandha dritt titlob rimedju f' forma ta' awment fil-manteniment taghha mill-ewwel Qorti.*

*Ukoll, jirrizulta ammess mill-istess attrici li l-gid kollu li ghandhom il-partijiet sa issa kien gie kollu generat mill-konvenut u ghalhekk mhux il-kaz li bil-waqfien tal-kommunjoni l-attrici ser titlef dak li hi kienet ikkontribwiet ghalih b' xogholha, bhal per ezempju jkun il-kaz fejn parti tkun ikkontribwiet sostanzjalment bil-hidma taghha ghan-negozju tal-parti l-ohra li tkun ser tkompli tarrikkixxi ruhha bil-gestjoni tan-negozju wara li waqfien tal-kommunjoni. Il-kontribut tal-attrici fil-kaz odjern jidher li hu dak li hi kienet tiehu hsieb id-dar u l-familja, inkluz lill-konvenut, u bl-ordni tal-waqfien ix-xoghol li kienet ghamlet id-dar xorta ghad jista' jinghata valur ekonomiku u jigi kwantifikat mill-Qorti fil-likwidazzjoni tal-kommunjoni ezistenti qabel l-ordni tal-waqfien. Ghaldaqstant dawn l-aggravji mhumiex gustifikati.*

*Rigward is-sitt aggravju, din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet premessi, tirribadixxi li l-ordni tal-waqfien tirreferi ghall-futur, u ghalhekk il-fatt li matul il-proceduri l-attrici saret taf li l-konvenut kellu kontijiet bankarji li ma kinitx taf bihom qabel, huwa irrelevanti ghall-vertenza in dizamina. Ghalhekk anke dan l-aggravju mhuwiex gustifikat."*

Fi kliem iehor, il-Qorti fehmet b'dan l-insenjament tal-Qorti tal-Appell li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jghodd mid-data tas-sentenza 'l quddiem.

Dak li gia' jifforma parti mill-komunjoni jibqa' hekk jifforma parti minnu sakemm tinghata s-sentenza finali, fejn l-assi jigu divizi bejn il-partijiet. Ghalhekk, b'din is-sentenza, li qieghed jigri biss huwa li l-komunjoni tigi kristallizzata u preservata sa ma tigi diviza. Tant hu hekk, li jekk jirrisulta li xi parti minnha giet trasferita lil terz, jew xi proprjeta' giet mohbija mill-parti l-ohra, jibghu r-rimedji skond il-ligi a favur ta' dik il-parti li skopriet tali nuqqas. Il-waqfien tal-komunjoni, ghalhekk, mhuwiex intenzjonat li johloq zvantagg jew, fi kliem il-Qorti, pregudizzju mhux proporzjonat lil wahda mill-partijiet, sakemm ma jissussistux elementi li jwasslu ghal tali pregudizzju. Fil-kaz odjern, l-intimata tidher preokkupata bl-amministrazzjoni tal-assi u tad-djun imwettaq mir-rikorrenti li jifformaw parti mill-komunjoni, peress illi, skond hi, ghadha sallum ma tafx ezatt x'inhu l-kwadru korrett tal-konsistenza tal-komunjoni. Anke jekk huwa hekk, dan il-fatt wahdu ma jzommx il-Qorti milli tordna t-twaqqif tal-konunjoni. Anke wara l-ghoti ta' din is-sentenza, il-Qorti ser tkompli tisma' l-provi tal-partijiet, anke dwar l-istess komunjoni, u ser tibqa' tinbena l-istampa dwar l-istess komunjoni.

Kwantu ghall-ilment dwar il-manteniment ghaliha jew ghall-minuri, dejjem jistghu jsiru rikorsi u talbiet adegwati f'dan is-sens.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef**

**Onor. Anthony G. Vella** **Cettina Gauci- Dep Reg**